MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1410/2004

**Henry Imbroll**

**Vs**

**Antoine Paul Farrugia**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm721.80c (seba’ mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez, bl-imghaxijiet legali dovuti mill-konvenut fuq l-istess somma sad-data ta’ l-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat.

Ra n-Nota ta’ Cessjoni tas-sorte pprezentata mill-attur li permezz taghha ceda t-talba stante pagament fil-mori tal-kawza waqt li zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-2 ta’ Frar, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli ghall-ispejjez u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------